



Brussell, 21 ta' April 2026
(OR. en)

7564/26

LIMITE

DENLEG 18
AGRILEG 60
SAN 177
CONSOM 95
RECH 136
MI 274
FOOD 29

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li taħtar rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti
tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra n-nomini ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kunsill,

¹ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj>.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 stabbilixxa l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), li tinkludi Bord ta' Ġestjoni bħala wieħed mill-korpi tagħha.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jirrikjedi li kull Stat Membru jinnomina membru u membru supplenti bħala r-rappreżentanti tiegħu għall-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA. Il-membri u l-membri supplenti hekk innominati għandhom jinħatru mill-Kunsill għal mandat ta' erba' snin, li jista' jiġġedded, u għandhom id-dritt tal-vot.
- (3) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' April 2022², il-mandat tal-membri u l-membri supplenti maħtura biex jirrapreżentaw lill-Istati Membri skont dik id-Deċiżjoni jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2026.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li jinħatru rappreżentanti tal-Istati Membri għal mandat ġdid ta' erba' snin, li jibda mill-1 ta' Lulju 2026 u jintemm fit-30 ta' Ġunju 2030.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jirrikjedi li l-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni jiġu nnominati u maħtura abbażi tal-esperjenza u l-għarfien espert rilevanti u estensiv tagħhom fil-qasam tal-liġi u l-politika dwar il-katina alimentari, inkluż il-valutazzjoni tar-riskji, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm l-għarfien espert rilevanti fl-oqsma ta' kwistjonijiet maniġerjali, amministrattivi, finanzjarji u legali fi ħdan il-Bord ta' Ġestjoni.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' April 2022 li taħtar rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (ĠU C 159, 12.4.2022, p. 6).

- (6) Ir-rappreżentanti li ġew innominati mill-Istati Membri jissodisfaw il-kriterji rilevanti. Għalhekk, il-ħatra tagħhom tiżgura l-ogħla standards ta' kompetenza u l-aktar firxa wiesgħa ta' esperjenza rilevanti disponibbli fil-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA, vitali biex jiġu żgurati l-indipendenza, l-istandards xjentifiċi għoljin, it-trasparenza u l-effiċjenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura biex jirrappreżentaw lill-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2030:

Stat Membru	Membri	Membri supplenti
Belġju	Is-Sa Christine Romeyns	Is-Sur Carl BERTHOT
Bulgarija	Is-Sur Koycho KOEV	Is-Sa Gergana Nikolova BALIEVA
Ċekja	Is-Sur Jindřich FIALKA	Is-Sur Martin Štěpánek
Danimarka	Is-Sa Cecilie SOLSTAD	Is-Sur Henrik Dammand NIELSEN
Ġermanja	Is-Sa Marie-Luise TREBES	Is-Sur Sebastian GRAF VON KEYSERLINGK
Estonja	Is-Sa Triin KÕRGMAA	Is-Sa Anneli TUVIKE
Irlanda	Is-Sur Greg DEMPSEY	Is-Sa Geraldine DUFFY
Greċja	Is-Sur Antonis ZAMPELAS	Is-Sur Stamatios KAMPOLIS
Spanja	Is-Sur Andrés BARRAGÁN URBIOLA	Is-Sur Pedro GULLÓN
Franza	Is-Sur Gilles SALVAT	Is-Sur Loïc EVAIN
Kroazja	Is-Sur Nevijo ZDOLEC	Is-Sur Dražen KNEŽEVIĆ
Italja	Is-Sur Ugo DELLA MARTA	Is-Sur Alessio NARDINI
Ċipru	Is-Sur Stelios YIANNOPOULOS	Is-Sur Herodotos HERODOTOU
Latvja	Is-Sur Aivars BĒRZIŅŠ	Is-Sur Jānis RUŠKO
Litwanja	Is-Sur Egidijus PUMPUTIS	Is-Sa Audronė MIKALAUSKIENĖ
Lussemburgu	Is-Sur Patrick HAU	Is-Sa Françoise MORI
Ungerija	Is-Sur Szabolcs PÁSZTOR	Is-Sa Barbara BÓNÉ
Malta	Is-Sur Clive TONNA	Is-Sur Sharlo CAMILLERI

Stat Membru	Membri	Membri supplenti
Netherlands	Is-Sa Ana Isabel VILORIA ALEBESQUE	Is-Sa Pascalde DE RUYTER
Awstrija	Is-Sur Ulrich HERZOG	Is-Sa Josefina SINKOVITS
Polonja	Is-Sur Janusz CIOK	Is-Sur Piotr JEDZINIAK
Portugall	Is-Sa Susana POMBO	Is-Sa Ana Cristina CALDEIRA
Rumanija	Is-Sur Alexandru Nicolae BOCIU	Is-Sur Laszlo CSUTAK-NAGY
Slovenja	Is-Sur Andrej KIRBIŠ	Is-Sur Evgen BENEDIK
Slovakkja	Is-Sur Martin CHUDÝ	Is-Sur Martin POLOVKA
Finlandja	Is-Sur Sebastian HIELM	Is-Sa Marjatta RAHKIO
Żvezja	Is-Sa Christina NORDIN	Is-Sa Kristina GRANELLI

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
